**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 3/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**ICA**

**Vs**

**JA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' ICA datat 5 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi, l-partijiet izzewgu fil-11.12.1992 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi, minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat (4) itfal W (D.T. X), T (D.T. Y), C (D.T. Z) u M (D.T. W) u li ghandhom X, Y, Z, W sena rispettivament, kollha ahwa A imweldin il-Pieta', kopji ta' liema atti tat-twelid huma hawn annessi u mmarkati bhala bhala Dok 'B', 'C', 'D' u 'E';*

3. *Illi, l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippublikat fit-27.05.2011 in atti tan-Nutar Pubbliku Dorianna Arapa kif jirrizulta mill-kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok 'F';*

4. *Illi, l-partijiet ilhom separati minn dak iz-zmien u ghaldaqstant ghal hafna*

*aktar minn erba (4) snin;*

5. *Illi, illum zgur illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar min erba (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi, l-obbligu tal-manteniment kif kuntrattat issa huwa ezawrit u ghalhekk ma huwiex imponibbli ebda forma ta' manteniment la ghat-tfal li llum lahqu l-eta' maggoritajra u lanqas ghal mara, li illum tahdem ukoll;*

7. *Illi, dawn l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet u l-kriterji kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Art. 66B tal-Kodici Civili, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

   *Ghaldaqstant, umilment titlob ir-rikorrenti IAC, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u kif ukoll wara li jinstemghu il-provi jekk ikun il-kaz, sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgboha:*

a) *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b) *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi annotat fic-certifikat taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit fis-seduta ghas-smigh tal-kawza, u wara li din l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu, hu ddikkjara li ma jehtiegx assistenza legali u li ma joggezzjonax ghad-divorzju. Sostna biss li m'ghandux jkun responsabbli ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri (vide fol 23);

Rat illi l-attrici hadet r-responsabbilta' ghall-hlas tal-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri (vide fol 23);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JA** xehed (vide fol 24) illi l-partijiet izzewgu nhar il-11 ta' Dicembru 1992, u li min dan iz-zwieg kellhom erbghat itfal. Sostna li ilhom sseparati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat fis-sena 2011. Iddikjara illi mill-2011 sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzoni u lanqas ma hemm ebda possibilita' tal-istess. Xehed finalment illi ma hemm ebda kwistjoni pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**ICA** xehdet (vide fol 26) u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Dicembru 1992, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2121/1992 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 11). Minn dan iz-zwieg kellhom erbghat itfal, illum kollha maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-27 ta' Mejju 2011 fl-atti tan-Nutar Dr Dorianna Arapa (vide Dok B, a fol 5 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Di piu' jirrizulta illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Qiset d-dikjarazzjoni tal-attrici rigward l-ispejjes tal-kawza.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2121/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jkunu a karigu tal-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**